32002D0011(01)

3.3.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 58/38

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW tal-5 ta' Diċembru 2002 rigward il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew

***(ECB/2002/11)***

(2003/132/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u partikolarment l-Artikolu 26.2 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 26.2 tal-Istatut, il-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) stabbilixxa l-prinċipji tal-kontijiet għall-kontijiet annwali ta' l-ECB.

(2) Permezz tar-regoli transitorji tad-Deċiżjoni ECB/2000/16 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew kif emendata fil-15 ta' Diċembru 1999 u fit-12 ta' Diċembru 2000 ([1]), l-assi u r-responsabbiltajiet kollha kif ikunu fit-tmiem tax-xogħol fil-31 ta' Diċembru 1998 kellhom ikunu jiġu valutati mill-ġdid fl-1 ta' Jannar 1999. Il-prezzijiet tas-suq u r-rati applikati mil-ECB fil-*balance sheet* tal-ftuħ fl-1 ta' Jannar 1999 kienu l-ispejjeż medji l-ġodda fil-bidu tal-perijodu tranżizzjonali.

(3) Attenzjoni xierqa kienet ġiet mogħtija għax-xogħol preparatorju imwettaq mill-Istitut Monetraju Ewropew (EMI).

(4) Il-kontenut tad-Deċiżjoni ECB/2000/16 issa sejra tkun sinifikament emendata. Huwa mixtieq li għal raġunijiet ta' ċarezza li din tkun miktuba mill-ġdid f'test singolu wieħed.

(5) L-ECB jagħti importanza kbira għat-titjib tat-trasparenza tal-qafas regolatorju tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ESCB) anki fin-nuqqas ta' obligazzjoni li jsir dan permezz tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. L-ECB għalhekk iddeċieda li jippubblika din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

— "perjodu transizzjonali" għandu jfisser il-perjodu ta' żmien li jibda fl-1 Jannar 1999 u li jagħlaq fil-31 Diċembru 2001,

— "Normi Internazzjonali tal-Kontijiet" għandu jfisser in-Normi Internazzjonali tal- Kontijiet (IAS/NIK), In-Normi Internazzjonali tar-Raportaġġ Finanzjarju (IFRS/NIRF) u l-Interpretazzjoni relatati (l-interpretazzjonijiet SIC-IFRIC), l-emendi sussegwenti għal dawn in-normi u l-interpretazzjonijiet relatati, normi futuri u l-interpretazzjonijiet relatati maħruġa jew adottati mill-*Board* tan-Normi tal-Kontijiet Internazzjoni (IASB),

— "banek ċentrali nazzjonali" (NCB) għandha tfisser in-NCB tal-Istati Membri parteċipanti,

— "Stati Membri parteċipanti" għandha tfisser l-Istati Membri li jkunu adottaw l-*euro* bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

— "Stati Membri mhux-parteċipanti" għandha tfisser l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-*euro* bi qbil mat-Trattat,

— "*Euro*sistema" għandha tfisser l-NCB u l-ECB.

2. Aktar definizzjonijiet tar-termini tekniċi użati f'din id-Deċizjoni huma nklużi fil-glossarju mehmuż bħala l-Anness I.

*Artikolu 2*

### Skop ta' l-applikazzjoni

Ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għall-kontijiet annwali ta' l-ECB li jikkomprendu il-*balance sheet*, il-punti rrekordjati fil-kotba *off-balance sheet* ta' l-ECB, il-kont tal-qliegħ u t-telf u l-flus għal-kontijiet annwali ta' l-ECB.

*Artikolu 3*

### Suppożizzjonijiet tal-kontijiet bażiċi

Dawn is-suppożizzjonijiet tal-kontijiet bażiċi li ġejjin għandhom ikunu applikabbli:

([1]) ĠU L 33, tat-2.2.2001, p. 1.

(a) *realta ekonomika u trasparenza:* il-metodi tal-kontijiet u r-rappurtaġġ finanazjarju għandhom jirreflettu r-realta' ekonomika, għandhom ikunu trasparenti u għandhom jirrispettaw il-karatteristiċi kwalitattivi tal-konoxxenza, r-relevanza, l-affiddibilità u l-komparabbilità. It-transazzjonijiet għandhom jidhru fil-kontijiet u jkunu preżentati bi qbil massustanza tagħhom u mar-realta' ekonomika u mhux sempliċiment mal-forma legali tagħhom;

(b) *prudenza:* il-valutazzjoni ta' l-assi u tar-responsabbiltajiet u r-rikonoxximent tad-dħul għandhom ikunu mwettqa bi prudenza. Fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni, dan jimplika li l-qliegħ mhux realizzat ma jkunx rikonoxxut bħala dħul fil-kont tal-qliegħ u t-telf, imma jkunu trasferiti direttament lejn il-kont tar-rivalutazzjoni. B'danakollu, l-prudenza ma tippermettix il-ħolqien ta' riservi moħbija jew ta' l-istqarrija falza deliberata ta' punti fil-*balance sheet* u fil-kont tal-qliegħ u t-telf;

(ċ) *avvenimenti ta' wara l-balance sheet*: l-assi u r-responsabbiltajiet għandhom ikunu aġġustati għall-avvenimenti li jseħħu bejn id-data tal-*balance sheet* annwali u d-data li fih l-istqarrijiet finanazjari huma approvati mill-korpi relevanti jekk dawn jaffettwaw il-kondizzjoni ta' l-assi jew tar-responsabbiltajiet fid-data tal-*balance sheet*. L-ebda aġġustament m'għandu jsir għall-assi u r-responsabbiltajiet, imma żvelar għandu jsir dwar dawk l-avvenimenti li jseħħu wara d-data tal-*balance sheet* li ma jaffetwawx il-kondizzjoni ta' l-assi u tar-responsabbiltajiet fid-data tal-*balance sheet*, imma li huma ta' importanza tali li n-nuqqas ta' żvelar ikun jaffettwa l-abbilita' tal-utenti tal-istqarrijiet finanzjari milli jagħmlu valutazzjonijiet u deċiżjonijiet xierqa;

(d) *materjalità:* devjazzjonijiet mir-regoli tal-kontijiet, inklużi dawk li jaffettwaw il-kalkolazzjoni tal-kont tal-qliegħ u t-telf ta' l-ECB, m'għandhomx jitħallew sakemm dawn raġonevolment jistgħu jkunu meqjusa bħala immaterjali fil-kuntest globali u fil-preżentazzjoni tal-kontijiet finanzjarji tal-istituzzjoni li tagħmel ir-rapport;

(e) *bażi ta' l-attivita kurrenti:* il-kontijiet għandhom ikunu preperati bħala fuq il-bażi ta'l-attivita kurrenti;

(f) *il-prinċipji tat-tkattir:* id-dħul u l-ispejjeż għandhom ikunu rikonoxxuti fil-perjodu tal-kontijiet li fih dawn ikunu akkwistati jew minfuqa u mhux skond il-perjodu li fih ikunu waslu jew tħallsu;

(g) *konsistenza u komparabbilità:* il-kriterja tal-valutazzjoni tal-*balance sheet* u r-rikonoxximent tad-dħul għandha tkun applikata b'konsistenza fir-termini tal-komunalità u l-kontinwità tar-resqien biex tassigura l-komparabbilità tad-dettalji fl-istqarrijiet finanazjarji.

*Artikolu 4*

**Rikonoxximent ta' l-assi u r-responsabbiltajiet**

Assi/responabbiltà finanzjarja jew mod ieħor għandha biss tkun rikonoxxuta fil-*balance sheet* ta' l-entità li tagħmel ir-rapport meta:

(a) huwa probabbli li xi benefiċċju enonomiku futur ikun assoċjat mal-punt ta' l-assi jew ir-responsabbilta' ikunu jakkumulaw lejn jew minn l-enitità tar-rapport;

(b) sostanzjalment ir-riskji u l-gwadanji kollha assoċjati ma l-assi jew ir-responsabbiltà ikunu ġew trasferiti lejn l-entità li tirraporta; u

(ċ) in-nefqa jew il-valur ta' l-assi għall-entità li tirrapporta jew l-ammont ta' l-obligazzjoni jistgħu jkunu mkejla b'fiduċja.

*Artikolu 5*

**Resqien ta' flus kontanti/ħlasijiet**

Ir-resqien ta' flus kontanti jew "ħlasijiet" għandu jkun użat bħala l-bażi tar-rekordjar tad-dettalji fis-sistema tal-kontijiet ta' l-ECB, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Linja ta' Gwida ECB/2002/10 tal-5 ta' Diċembru 2002 dwar il-qafas legali għal rappurtaġġ tal-kontijiet u l-finanzi tas-SEBĊ.

KAPITOLU II

**IR-REGOLI TAL-KOMPOŻIZZJONI U L-VALUTAZZJONI GĦALL-BALANCE *SHEET***

*Artikolu 6*

**Il-kompożizzjoni tal-*balance sheet***

Il-kompożizzjoni tal-*balance sheet* għandha tkun ibbażata fuq l-istruttura stabbilita fl-Anness II.

*Artikolu 7*

**Regoli tal-valutazzjoni tal-*balance sheet***

1. Ir-rati u l-prezzijiet kurrenti tas-suq għandhom ikunu wżati għall-skopijiet tal-valutazzjoni tal-*balance sheet* sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness II.

2. Ir-rivalutazzjoni tad-deheb, l-istrumenti tal-munita estera, l-kambjali u l-istrumenti finanzjarji (kemm *on-balance-sheet* u *off-balance sheet*) għandha tkun imwettqa fit-tmien tas-sena bir-rati u l-prezzijiet tal-medja tas-suq.

3. L-ebda distinzjoni m'għandha ssir bejn il-prezz u r-rivalutazzjoni tal-munita fid-differenzi għad-deheb, imma differenzi singoli għar-rivalutazzjoni tad-deheb għandhom ikunu rappurtati, ibbażati fuq il-prezz ta' l-*euro* skond l-unità definita tal-piż tad-deheb akkwistat mir-rata tal-kambju EUR/USD fid-data tar-rivalutazzjoni. Ir-rivalutazzjoni għandha sseħħ fuq il-bażi ta' munita b'munita għal kambju esteru (inklużi t-tranżazzjonijiet *on-balance-sheet* u *off-balance-sheet*) u fuq il-bażi tal-kodiċi b' kodiċi (l-istess numru/tip ISIN) għall-kambjali, apparti milli għal dawk il-kambjali inklużi fil-punt "Assi finanzjarji oħrajn", li għandhom ikunu trattati bħala propjeta separata.

*Artikolu 8*

**Ftehim ta' xiri mill-ġdid**

1. Tranżazzjoni b'lura mwettqa permezz ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid għandha tkun irrekordjata bħala depożiti 'l ġewwa kollatteralizzati fuq in-naħa tar-responsabbiltajiet tal-*balance sheet*, waqt li punt li jkun ġie mogħti bħala kollateral għandu jibqa fuq in-naħa ta' l-assi tal-*balance sheet*. Il-kambjali mibjugħa li jkunu mixtrija mill-ġdid permezz tal-ftehim tax-xiri mill-ġdid għandhom ikunu trattati mill-ECB, li jkun meħtieġ li jixtrihom mill-ġdid, jekk l-assi f'dan il-każ ikunu għandhom parti mill-*portfolio* li minnu kienu ġew mibjugħin.

2. Tranżazzjoni mreġġa lura mwettqa permezz ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid imreġġa lura għandha tkun irrekordjata bħala self il-barra kollateralizzat fuq in-naħa l-assi tal-*balance sheet* għall-ammont tas-self. Kambjali akkwistati permezz tal-ftehim ta' xiri mill-ġdid imreġġa lura m'għandhomx ikunu ivvalutati mill-ġdid u l-ebda qligħ jew telf li joriġina minnhom m'għandu jkun meqjus fil-kont tal-qligħ u telf minn dik il-parti li tislef il-fondi.

3. Transazzjonijiet b' lura li jinvolvu kambjali denominati f'muniti barranin m'għandhom ikollhom l-ebda effett fuq in-nefqa medja tal-pożizzjoni kurrenti.

4. Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' self ta' kambjali, l-kambjali għandhom jibqgħu fuq il-*balance sheet* ta' min jittrasferixxi. Tranżazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu mdaħħla fil-kontijiet fl-istess manjiera bħal dik preskritta għall-operazzjoni ta' xiri mill-ġdid. Jekk, madankollu, l-kambjali mislufa mill-ECB li jaġixxi bħala dak li jkun akkwista t-trasferiment ma jkunux miżmuma fid-depożitu tiegħu fit-tmiem tas-sena, l-ECB għandu jistabbilixxi provvediment għat-telf jekk il-valur tas-suq tal-kambjali bażiċi jkun tela' sa mid-data tal-kuntratt tat-tranżazzjoni tas-self u juru responsabbiltà (trasferiment tal-kambjali) jekk il-kambjali jkunu, sadattant ġew mibjugħa minn dak li jirċievi t-trasferiment.

5. Tranżazzjonijiet tad-deheb kollatteralizzati għandhom ikunu meqjusa bħala ftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-movimenti tad-deheb li jirrigwardjaw dawn it-tranżazzjonijiet kollatteralizzati m'għandhomx ikunu rekordjati fl-istqarrijiet finanzjarji u d-differenzi bejn il-prezzijiet tal-mument u futuri tat-tranżazzjonijiet għandhom ikunu trattati fuq bażi ta' tkattir.

6. Transazzjonijiet b'lura, inkluzi tranżazzjonijiet ta' self ta' kambjali, mwettqa permezz ta' programm awtomatizzat ta' self ta' kambjali għandhom ikunu rekordjati b'effett fuq il-*balance sheet* għal dawk it-tranżazzjonijiet biss meta l-kollateral ikun ipprovdut fil-għamla ta' flus kontanti matul l-operazzjoni tal-maturità sħiħa.

*Artikolu 9*

**Strumenti ta' investimenti negozzjabbli**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal strumenti ta' investimenti negozzjabbli (ishma ta' investiment jew fondi ta' investimenti), sew jekk it-tranżazzjoni huma mwettqa direttament mill-ECB jew minn aġent li jaġixxi f'isem l-ECB, bl-eċċezzjoni ta' l-attivitajiet imwettqa għal-fondi tal-pensjoni ta' l-ECB, interessi parteċipanti, investimenti fis-sussidjari, interessi sinifikanti jew assi finanazjarji fissi.

2. Strumenti ta' investimenti denominati f'muniti barranin m'għandhomx jiffurmaw parti mill-pożizzjoni globali tal-munita imma għandhom ikunu parti ta' pussess separat tal-munita. Il-kalkolazzjoni relattata mal-qligħ u t-telf ta' kambju esteru tista tkun imwettqa jew fuq il-metodu tal-medja tal-ispiża netta jew inkella fuq il-metodu tal-medja tan-nefqa.

3. Strumenti ta' investimenti għandhom ikunu ttrattati kif ġej:

(a) l-valutazzjoni mill-ġdid tal-*portfolios* ta' l-investimenti għandha tkun imwettqa bi qbil ma l-Artikolu 7(2). L-valutazzjoni mill-ġdid għandha seħħ fuq il-bażi ta' punt b'punt. Dwar il-fondi ta' l-investimenti, l-prezz ta' l-evaluazzjoni minn ġdid għandha tkun imwettqa fuq bażi netta, u mhux fuq il-bażi ta' sehem b'sehem individwali. M'għandux ikun hemm ibbilanċjar bejn l-ishma ta' l-investimenti jew bejn il-fondi ta' l-investimenti differenti;

(b) it-tranżazzjonijiet għandhom ikunu rekordjati fil-*balance sheet* bil-prezz tat-tranżazzjoni;

(ċ) il-kummissjoni tas-senserija għandha tkun irrekordjata jew bħala n-nefqa tat-tranżazzjoni li għandha tkun inkluża fil-prezz ta' l-assi jew bħala nfieq fil-kont tal-qliegħ u t-telf;

(d) l-ammont tad-*dividend* mixtri għandu jkun inkluż fil-prezz ta' l-istrument ta' l-investiment. Mid-data ta' l-*ex-dividend*, waqt li l-pagament tad-*dividend* ikun għadu ma wasalx, l-ammont tad-*dividend* mixtri jista jkun ittrattat bħala punt separat;

(e) it-tkattir fuq id-*dividends* m'għandux ikunu irreġistrat fit-tmiem tal-perijodu minħabba li dawn ikunu diġa riflessi fil-prezz tas-suq ta' l-istrumenti ta' l-investiment bl-eċċezzjoni ta' l-investimenti kwotati *ex-dividend*;

(f) id-drittijiet tal-ħruġ għandhom ikunu trattati bħala assi separati meta maħruġa. In-nefqa ta' l-akkwist għandha tkun ikkalkolata ibbażata fuq il-medja tan-nefqa l-antika ta' l-investimenti, fuq l-*istrike price* tal-wieħed il-ġdid, u fuq il-proporzjon bejn l-investimenti l-qodma u l-ġodda. Mill-banda l-oħra, il-prezz tad-dritt jista' jkun ibbażat fuq il-valur tad-dritt fis-suq, l-ispiża medja ta' l-investiment il-qadim u

l-prezz tas-suq ta' l-investiment qabel id-dritt tal-ħruġ. Dawn m'għandhomx ikunu trattati bi qbil mar-regoli tal-kontijiet ta' l-*Euro*sistema.

KAPITOLU III

**RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL**

*Artikolu 10*

**Rikonoxximent tad-dħul**

1. Dawn ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għar-rikonoxximent tad-dħul:

(a) qliegħ realizzat u telf realizzat għandhom ikunu meħuda lejn il-kont tal-qliegħ u t-telf;

(b) qliegħ mhux realizzat m'għandux ikun rikonoxxut bħala dħul, imma ttrasferit direttament lejn il-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid;

(ċ) telf mhux realizzat għandu jittieħed lejn il-kont tal-qliegħ u t-telf meta jkun jeċċedi l-valutazzjoni mill-ġdid preċedenti ta' l-akkwisti reġistrati fil-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid korrespondenti;

(d) telf mhux realizzat meħud fil-kont tal-qliegħ u t-telf m'għandhomx ikunu mreġġa lura fis-snin sussegwenti konta qliegħ ġodda mhux realizzati;

(e) m'għandux ikun hemm totalizzar ta' telf mhux realizzati fil-propjeta ta' xi kambjali waħda, jew f'xi munita jew fid-deheb kontra l-qliegħ mhux realizzat f'kambjali, muniti jew deheb oħrajn.

2. Laġġju jew skonti li joriġinaw fuq kambjali maħruġa u mixtrija għandhom ikunu kalkolati u preżentati bħala parti mid-dħul ta' l-imgħax u għandhom ikunu amortizzati matul il-ħajja li tkun baqgħet tal-kambjali, jew skond il-metodu ta' linja dritta jew inkella fuq il-metodu tar-rata interna ta' l-akkwist (IRR/RIA). Il-metodu RIA għandu, b'danakollu, jkun mandatorju għal kambjali skontati bil-maturità li jkun baqa' ta' aktar minn sena waħda fil-ħin ta' l-akkwist.

3. Tkattir denominati f'muniti barranija għandhom ikunu konvertiti fir-rata ta'nofs-is-suq fit-tmiem tas-sena u mreġġa lura fl-istess rata.

4. Tranżazzjonijiet biss li jinvolvu tibdil fil-propjeta' ta' munita partikolari jistgħu jagħtu bidu għal qliegħ jew telf kif realizzati fil-kambju esteru.

5. Proprjetajiet ta' kontijiet speċjali ta' valutazzjoni mill-ġdid li joħrġu mill-kontribuzzjonijiet skond l-Artikolu 49.2 tal-Istatut fir-rigward ta' banek ċentrai ta' Stat Membru li għalihom id-deroga tkun ġiet imħassra għandhom ikunu wżati biex jagħmlu tajjeb għat-telf mhux realizzat meta jkun jeċċedi l-qliegħ preċedenti ta' l-valutazzjoni mill-ġdid irreġistrati fil-kont tan-normi ta' l-valutazzjoni mill-ġdid korrispondenti kif deskritt fil-paragrafu 1 (ċ) ta' dan l-Artikolu, qabel ma jseħħ l-ibbilanċjar ta' dawk it-telf bi qbil ma' l-Artikolu 33.2 tal-Istatut. Il-proprjeta fuq kontijiet speċjali ta' l-valutazzjoni mill-ġdid għad-deheb, muniti u kambjali għandha tkun imnaqsa *pro-rata* fil-każ ta' tnaqqis fil-proprjeta ta' l-assi relevanti.

*Artikolu 11*

**L-ispiża tat-tranżazzjonijiet**

1. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw għall-ispiża tat-tranżazzjonijiet:

(a) il-metodu tal-medja tal-ispiża għandu jkun użat fuq il-bażi ta' kuljum għad-deheb, għall-istrumenti ta' munita estera u għall-kambjali, biex ikun ikkalkulat il-prezz tal-ksib tal-oġġetti mibjugħa, billi jkun meqjus l-effett tar-rata tal-kambju u/jew il-movimenti tal-prezzijiet;

(b) il-medja ta' l-ispiża fil-prezz/rata ta' l-assi/responsabbiltà għandha tkun imnaqqsa/miżjuda bit-telf mhux realizzat li jkun meħud lejn il-kont tal-qliegħ u telf fit-tmiem tas-sena;

(ċ) fil-każ ta' l-akkwist ta' kambjali b'kupun, l-ammont tad-dħul tal-kupun mixtri għandu jkun ittrattat bħala punt separat. Fil-każ ta' kambjali denominati f'munita estera, dan għandu jkun inkluż fil-propjeta' ta' dik il-munita, imma m'għandux ikun inkluż fl-ispiża jew fil-prezz ta' l-assi għall-iskop tad-determinazzjoni tal-prezz medju.

2. Dawn ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom japplikaw għal kambjali:

(a) it-tranżazzjonijiet għandhom ikunu rrekordjati fil-prezz tat-tranżazzjoni u rreġistrati fil-kontijiet finanzjarji tal-prezz nett;

(b) il-miżati tal-kustodju u ta' l-amministrazzjoni, il-miżati tal-kont kurrenti u l-ispejjes indiretti oħrajn ma humiex meqjusa bħala spejjes ta' tranżazzjoni u għandhom ikunu nklużi fil-kont tal-qlieħ u telf. Dawn m'għandhomx ikunu trattati bħala parti tal-ispiża medja ta' xi assi partikolari;

(ċ) id-dħul għandu jkun irrekordjat gross b'żamma rifondibbli u t-taxxi l-oħrajn li huma f'kontijiet separati;

(d) għall-iskop tal-kalkolazzjoni tal-ispiża medja tax-xiri ta' kambjali, jew: (i) ix-xiri kollu magħmul matul il-jum għandu jkun miżjud ma l-ispiża tal-propjeta tal-jum preċedenti biex jipproduċi medja ta' prezz peżat qabel l-applikazzjoni tal-bejgħ għall-istess jum; jew (ii) xiri u bejgħ individwali ta' kambjali jistgħu jkunu applikati fl-ordni li fihom iseħħu matul il-jum għall-iskop tal-kalkolazzjoni tal-prezz medju rivedut.

3. Dawn ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom japplikaw għad-deheb u l-kambju esteru:

(a) tranżazzjonijiet f'munita estera li ma jinvolvu l-ebda kambjament fil-pussess ta' dik il-munita għandhom ikunu kkonvertiti f'*euro*, bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kuntratt jew tad-data tat-twettiq, u m'għandhomx jaffettwaw l-ispiża ta' l-akkwist ta' dak il-pussess;

(b) tranżazzjonijiet f'munita estera li jinvolvu kambjament fil-pussess ta' dik il-munita għandhom ikunu konvertiti f'*euro*, bir-rata tal-kambju tal-kuntratt jew tad-data tat-twettieq;

(ċ) akkwisti jew pagamenti attwali ta' flus kontanti għandhom ikunu konvertiti bir-rata tal-kambju ta' nofs-is-suq fil-jum li fih it-twettiq iseħħ;

(d) akkwisti netti ta' muniti u deheb magħmula matul il-jum għandhomx ikunu miżjuda, l-ispiża medja tax-xiri tal-jum għal kull munita jew deheb rispettivi, u l-pussess tal-jum preċedenti, biex jipproduċu medja peżata ġdida tar-rata tal-medja/tal-prezz tad-deheb. Fil-każ ta' bejgħ nett, il-kalkolazzjoni tal-qliegħ jew telf realizzat għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża medja tal-pussess tal-munita jew deheb rispettiv għall-jum preċedenti hekk li l-medja ta' l-ispiża tibqa mhix mibdula. Differenzi fil-medja tar-rata/il-prezz tad-deheb bejn id-dħul il-ġewwa u l-ħruġ il barra magħmula matul il-jum għandhom ukoll jirriżultaw fi qliegħ jew telf realizzat. Meta sitwazzjoni ta' responsabbiltà teżisti fir-rigward ta' munita estera jew tal-pożizzjoni tad-deheb, trattament imreġġa lura għandu japplika għat-tressieq imsemmi hawn fuq. B'hekk l-ispiża medja tal-pożizzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun effettwata bil-bejgħ nett, waqt li x-xiri nett għandu jnaqqas il-pożizzjoni tar-rata medja eżistenti peżata/prezz tad-deheb;

(e) l-ispiża tat-tranżazzjonijiet tal-kambju esteru u l-ispejjes ġenerali l-oħrajn għandhom ikunu mdaħħla fil-kont tal-qliegħ u telf.

KAPITOLU IV

**REGOLI TAL-KONTIJIET GĦAL STRUMENTI IL-BARRA MILL-*BALANCE-SHEET***

*Artikolu 12*

**Regoli Ġenerali**

1. Tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju esteru, il-bażijiet il-quddiem ta' tibdiliet ta' skambju esteru u strumenti oħrajn ta' muniti jinvolvu skambju ta' munita waħda għal oħra f'data futura għandu jkun inkluż fil-pożizzjonijiet netti tal-munita estera għall-kalkolazzjoni tal-qliegħ u telf tal-kambju esteru.

2. Tibdil fir-rata ta' l-imgħax, futuri, ftehim ta' rata bil-quddiem u strumenti oħrajn tar-rata ta' l-imgħax għandhom ikunu rapurtati u evalwati mill-ġdid fuq il-bażi ta' punt b'punt. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu trattati separatament mill-punti ta' *on-balance-sheet*.

3. Qliegħ u telf li joriġina mill-istrumenti *off-balance-sheet* għandhom ikunu rikonoxxuti u trattati f'manjera simili ta' l-istrumenti *on-balance-sheet*.

*Artikolu 13*

**Tranżazzjonijiet bil-quddiem tal-kambju esteru**

1. Xiri u bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju sad-data tat-twettiq bir-rata tal-mument tat-transazzjoni bil-quddiem.Qliegħ u telf fuq tranżazzjonijiet ta' bejgħ għandhom ikunu kalkolati fuq il-medja tal-ispiża tal-pożizzjoni tal-munita fid-data tal-kuntratt, flimkien ma' tnejn jew tliet ijiem tax-xogħol, bi qbil mal-proċedura tal-ibbilanċjar ta' kull jum tax-xiri u l-bejgħ. Qliegħ u telf għandhom ikunu meqjusa li ma humiex realizzati sad-data tat-twettieq u għandhom ikunu trattati bi qbil ma l-Artikolu 10(1).

2. Id-differenza bejn ir-rati tal-mument u dawk bil-quddiem għandha tkun ittrattata bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq il-bażi ta' tkattir kemm għall-xiri u wkoll għall-bejgħ.

3. Id-data tat-twettieq tal-kontijiet *off-balance-sheet* għanda tkun imreġġa lura, u xi bilanċ fuq il-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun akkreditat mal-kont tal-qliegħ u t-telf fit-tmiem tal-kwart tas-sena.

4. L-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-munita għandha tkun affettwata bix-xiri bil-quddiem mid-data tan-negozju flimkien ma tnejn jew tlieta jiem tax-xogħol, jiddependi mill-konvenzjonijiet tas-suq għat-twettieq tat-tranżazzjonijiet tal-mument, fir-rata tax-xiri tal-mument.

5. Il-pożizzjonijiet 'il quddiem għandhom ikunu valutati flimkien mal-pożizzjoni tal-mument ta' l-istess munita, b'hekk tagħmel tajjeb għal xi differenzi li jistgħu joriġinaw fi ħdan il-pożizzjoni tal-munita singola. Bilanċ ta' telf nett għandu jkun debitat mal-kont tal-qliegħ u telf meta jeċċedi l-qliegħ ta' l-valutazzjoni preċedenti rreġistrati fil-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid; bilanċ ta' qliegħ nett għandu jkun akkredidat mal-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid.

*Artikolu 14*

**Tibdiliet tal-kambji esteri**

1. Xiri u bejgħ tal-mument għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet tal-*on-balance-sheet* fil-jum ta' meta jkunu mħallsa.

2. Bejgħ u xiri bil-quddiem għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament bir-rata tal-mument tat-tranżazzjoni bil-quddiem.

3. Tranżazzjonijiet ta' bejgħ għandhom ikunu rikonoxxuti fir-rata tal-mument tat-tranżazzjoni, hekk li l-ebda qligħ u telf ma jkun joriġina.

4. Id-differenza bejn ir-rati tal-mument u dawk bil-quddiem għandha tkun ittrattata bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq il-bażi ta' tkattir kemm għall-xiri u wkoll għall-bejgħ.

5. Fid-data tal-pagament il-kontijiet tal-*off-balance-sheet* għandhom ikunu maqluba.

6. Il-medja tal-ispejjeż fil-pożizzjoni tal-munita estera m'għandhiex tkun mibdula.

7. Il-pożizzjoni 'l quddiem għandha tkun ivvalutata b'konnessjoni mal-pożizzjoni tal-mument.

*Artikolu 15*

**Futuri tar-rati ta' l-imgħax**

1. Il-futuri tar-rati ta' l-imgħax għandhom ikunu rrekordjati fid-data tan-negozju fil-kontijiet *off-balance-sheet*.

2. Il-marġini inizjali għandha tkun irrekordjata bħala assi separata jekk tkun iddepożitata fi flus kontanti. Jekk iddepożitata fil-għamla ta' kambjali, din għandha tibqa mingħajr tibdil fil-*balance sheet*.

3. Kambjamenti ta' kuljum fil-varjazzjonijiet tal-marġini għandhom ikunu rrekordjati fil-*balance sheet* f'kont separat, jew bħala assi jew bħala responsabbiltà, jiddependi mill-prezz żvilup-pat fil-kuntratt futuri. L-istess proċedura għandha tkun applikata fil-jum ta' l-għeluq tal-pożizzjoni tal-ftuħ. Immedjetament wara dan, il-kont separat għandu jkun ikkanċellat u r-riżultat totali tat-tranżazzjoni għandu jkun irrekordjat bħala qligħ jew telf, independentament minn jekk il-forniment ikunx seħħ jew le. Jekk il-forniment iseħħ, id-dħul tax-xiri jew bejgħ għandu jsir fil-prezz tas-suq.

4. Il-miżati għandhom jitnaqqsu mill-kont tal-qligħ u telf.

5. Il-konverżjoni f'*euro,* jekk xierqa, għandha ssir fil-jum ta' l-għeluq fir-rata tas-suq ta' dak il-jum. Tnixxija 'l ġewwa ta' munita estera għandha jkollha effett fuq l-ispiża medja ta' din il-pożizzjoni tal-munita fid-data ta' l-għeluq.

6. Minħabba l-valutazzjoni mill-ġdid ta' kuljum, il-qligħ u t-telf għandhom ikunu mdaħħla f'kontijiet separati definiti. Kont separat tan-naħa ta' l-assi għandu jirrappreżenta telf u kont separat tan-naħa tar-responsabbiltajiet għandu jirrapreżenta qligħ. Telf mhux realizzat għandu jkun iddebitat lejn il-kont tal-qligħ u telf u ammonti bħal dawn għandhom ikunu kreditati lejn kont ta' responsabbiltà bħar-responsabbilitajiet l-oħrajn.

7. Telf mhux realizzat meħud lejn il-kont tal-qligħ u t-telf fit-tmiem tas-sena m'għandux ikun imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qligħ mhux realizzat, sakemm l-istrument ma jkunx magħluq jew itterminat. Fil-każ ta' qligħ, id-dħul magħmul għandu jkun debitu ta' kont sospiż bħall-assi l-oħrajn u kreditu għall-kont ta' valutazzjoni mill-ġdid.

*Artikolu 16*

**Tpartit tar-rati ta' l-imgħax**

1. It-tpartit tar-rati ta' l-imgħax għandhom ikunu rekordjati fid-data tan-negozju fil-kontijiet *off-balance-sheet*.

2. Il-pagamenti ta' l-imgħax kurrenti, jew akkwistati inkella mħallsa, għandhom ikunu rekordjati fuq bażi ta' tkattir. Totalizzar tal-pagamenti għal kull tpartit tar-rata ta' l-imgħax għandhom ikunu permessi.

3. L-ispiża medja tal-pożizzjoni kurrenti għandha tkun effetwata bit-tpartiti tar-rata ta' l-imgħax fil-munita esterna meta jkun hemm differenza bejn il-pagamenti akkwistati u l-pagamenti mħallsa. Bilanċ ta' pagament li jwassal għal nixxija 'l ġewwa għandha taffetwa l-medja tal-ispiża tal-munita meta l-pagament ikun dovut.

4. Kull tpartit tar-rata ta' l-imgħax għandha tkun immarkata lejn-is-suq, jekk meħtieġ, tradotta f'*euro* fir-rata tal-munita tal-mument. Telf mhux realizzat meħud lejn il-kont tal-qligħ u t-telf fit-tmiem tas-sena m'għandux ikun imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qligħ mhux realizzat sakemm l-istrument ma jkunx magħluq jew itterminat. Akkwisti ta' valutazzjoni mill-ġdid mhux realizzati għandhom ikunu akkreditati fil-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid.

5. Il-miżati għandhom jitnaqqsu mill-kont tal-qligħ u telf.

*Artikolu 17*

**Ftehim ta' rata bil-quddiem**

1. Il-ftehim tar-rati bil-quddiem għandhom ikunu rekordjati filwaqt tan-negozju fil-kontijiet *off-balance-sheet*.

2. Il-ħlas bħala kumpens għandu jkun imħallas minn parti waħda lejn oħra fil-jum tal-pagament għandu jkun imdaħħal fil-jum tal-pagament fil-kont tal-qligħ u telf. Il-ħlas m'għandux ikun irrekordjat fuq bażi ta' tkattir.

3. Jekk il-ftehim tar-rata bil-quddiem f'munita estera jkunu miżmuma, għandu jkun hemm effett fuq il-medja ta' l-ispiża ta' din il-pożizzjoni tal-munita mal-ħlas tal-kumpens. Il-ħlas tal-kumpens għandu jkun tradott fl-*euro* fir-rata tal-mument fil-jum tal-pagament. Bilanċ ta' pagament li jwassal għal nixxija 'l ġewwa għandha taffettwa l-medja ta' l-ispiża tal-munita meta l-pagament ikun dovut.

4. Il-ftehim kollha tar-rata bil-quddiem għandu jkun immarkat lejn-is-suq, jekk meħtieġ, tradott f'*euro* fir-rata tal-mument tal-munita. Telf mhux realizzat meħud lejn il-kont tal-qliegħ u t-telf fit-tmiem tas-sena m'għandux ikun imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qliegħ mhux realizzat sakemm l-istrument ma jkunx magħluq jew itterminat. Akkwisti ta' valutazzjoni mill-ġdid mhux realizzati għandhom ikunu akkreditati fil-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid.

5. Il-miżati għandhom jitnaqqsu mill-kont tal-qliegħ u telf.

*Artikolu 18*

**Tranżazzjonijiet bil-quddiem f'kambjali**

Tranħazzjonijiet bil-quddiem f'kambjali jistgħu ikunu meqjusa bi qbil ma wieħed miż-żewġ metodi li ġejjin:

*Il-Metodu A*:

(a) tranżazzjonijiet bil-quddiem f'kambjali għandhom ikunu rrekordjati fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament, tal-prezz bil-quddiem tat-tranżazzjoni bil-quddiem;

(b) il-medja tal-ispiża fuq il-pussess tal-kambjala negozzjata m'għandiex tkun affettwata sakemm iseħħ il-pagament; l-effetti tal-qliegħ u telf tat-tranżazzjoni ta' bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu kalkolati fid-data tal-pagament;

(ċ) fid-data tal-pagament tal-kontijiet *off-balance-sheet* għanda tkun imreġġa lura u xi bilanċ fuq il-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid - jekk ikun hemm - għandu jkun akkreditat mal-kont tal-qliegħ u t-telf. Il-kambjala mixtrija għandha tkun meqjusa għall-użu tal-prezz tal-mument fid-data tal-maturità (prezz attwali tas-suq), waqt li d-differenza mal-prezz bil-quddiem oriġinali għandu jkun rikonoxxut fil-qliegħ jew telf realizzat;

(d) fil-każ ta' kambjali denominati fil-munita estera, l-ispiża medja tal-pożizzjoni netta tal-munita m'għandhiex tkun affettwata jekk l-ECB diġa jkollu pożizzjoni f'dik il-munita. Jekk titolu mixtri bil-quddiem huwa denominat f'munita li fiha l-ECB ma jkollux pożizzjoni, hekk li jkun meħtieġ li jixtri l-munita relevanti, ir-regoli tax-xiri tal-muniti esteri permezz ta' l-Artikolu 11(3)(d) għandhom japplikaw;

(e) pożizzjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu valutati fuq bażi iżolati kontra l-prezz bil-quddiem tas-suq għall-kumplament tat-tul tat-transazzjoni. Telf ta' valutazzjoni mill-ġdid fit-tmiem tas-sena għandu jkun iddebitat lejn il-kont tal-qliegħ u telf, u qliegħ ta' valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun akkreditat lejn il-kont ta' l-valutazzjoni mill-ġdid. Telf mhux realizzat rikonoxxut fil-kont tal-qliegħ u t-telf fit-tmiem tas-sena m'għandux ikun imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qliegħ mhux realizzat sakemm l-istrument ma jkunx magħluq jew itterminat.

*Il-Metodu B:*

(a) tranżazzjonijiet bil-quddiem f'kambjali għandhom ikunu rrekordjati fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament, bil-prezz bil-quddiem tat-tranżazzjoni bil-quddiem. Fid-data tal-pagament il-kontijiet tal-*off-balance-sheet* għandhom ikunu maqluba;

(b) fit-tmiem tal-kwart tas-sena l-valutazzjoni mill-ġdid ta' kambjala għandu jsir fuq il-bażi tal-pożizzjoni netta li tirriżulta mill-*balance sheet* u mill-bejgħ ta' l-istess kambjala irrekordjata fil-kontijiet *off-balance sheet*. L-ammont ta' l-valutazzjoni mil-ġdid għandu jkun ugwali għad-differenza bejn din il-pożizzjoni netta ivvalutata fil-prezz ta' l-valutazzjoni mill-ġdid u l-istess pożizzjoni vvalutata fil-medja tal-ispiża tal-pożizzjoni tal-*balance sheet*. Fit-tmiem tal-kwart tas-sena, xiri bil-quddiem għandu jkun suġġett għal proċess ta' valutazzjoni mill-ġdid kif deskritt fl-Artikolu 7. Ir-riżultat ta' l-valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz tal-mument u l-ispiża medja ta' l-impenji tax-xiri;

(ċ) ir-riżultat tal-bejgħ bil-quddiem għandu jkun irrekordjat fis-sena finanazjra li fiha l-impenn kien seħħ. Ir-riżultat għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz bil-quddiem inizjali u l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-*balance sheet*, jew ta' l-ispiża medja tal-impenn tax-xiri tal-*off-balance-sheet* jekk il-pożizzjoni tal-*balance sheet* tkun insuffiċjenti, fil-waqt tal-bejgħ.

KAPITOLU V

***BALANCE SHEET* ANNWALI IPPUBLIKATA U L-KONT TAL-QLIEGĦ U T-TELF**

*Artikolu 19*

**Formati**

1. Il-format tal-*balance sheet* annwali ta' l-ECB ippublikata għandu jsegwi l-format fl-Anness III.

2. Il-format tal-kont tal-qliegħ u telf ta' l-ECB ippublikat għandu jkun konformi ma' l-Anness IV.

KAPITOLU VI

**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 20*

**Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni tar-regoli**

1. Il-Kumitat tal-Kontijiet u d-Dħul Monetarju (AMICO) għandu jaġixxi bħala il-forum tas-SEBĊ biex jagħti pariri lil-Kunsill Regolatorju, permezz tal-*Board* Eżekuttiv, dwar l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-implementazzjoni tar-regoli tal-kontijiet tas-SEBĊ.

2. Fl-interpretazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, akkont għandu jittieħed tax-xogħol preparattiv, tal-prinċipji armonizzati bil-liġi tal-Komunità u n-normi ġeneralment aċċettati tal-kontijiet internazzjonali.

3. Jekk trattament speċifiku tal-kontijiet ma jkunx stabbilit f'din id-Deċiżjoni u fl-assenza ta' deċiżjoni bil-kuntrarju mill-Kunsill Regolatorju, l-ECB għandu jsegwi in-Normi Internazzjonali tal-Kontijiet relevanti għall-attivitajiet u l-kontijiet ta' l-ECB, sakemm dawn ma jkunux jikkontradixxu f'manjera materjali il-leġislazzjoni tal-kontijiet tal-Komunità Ewropea.

*Artikolu 21*

**Ikkanċellar**

Id-Deċiżjoni ECB/2000/16 hija hawnhekk imħassra. Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 22*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

2. Mingħajr preġudizju għall-paragrafu preċedenti, din id-Deċiżjoni għandha wkoll tapplika għat-tħejjija tal-*balance sheet* annwali ta' l-ECB fil-31 ta' Diċembru 2002 u l-kont tal-qliegħ u telf ta' l-ECB għas-sena li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2002.

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Diċembru 2002.

*Il-President ta' l-ECB*

Willem F. DUISENBERG

*ANNESS I*

**GLOSSARJU**

*L-ammortizzazzjoni* għandha tfisser it-tnaqqis sistematiku fil-kontijiet ta' laġġju/skont jew tal-valur ta' l-assi matul perjodu ta' żmien.

*Assi* għandhom ifissru r-riżorsi kkontrollati mill-impriża bħala riżultat ta' avvenimenti fil-passat u li minnhom benefiċċji ekonomiċi fil-futur ikunu mistennija li jirriżultaw għall-impriża.

*Programm awtomatizzat ta' self ta' kambjali (ASLP/PASK)* għandu jfisser l-operazzjoni fiskali li tgħaqqad it-tranżazzjonijiet tar-*repo* mar-*repo* rriversjat meta kollateral speċifiku ikun misluf kontra kollateral ġenerali. Bħala riżultat ta' dawn it-tranżazzjonijiet tas-self u tat-tislif, dħul iġġenerat permezz ta' rati repo differenti ta' żewġ tranżazzjonijiet (i.e. il-marġini riċevut). L-operazzjoni tista tkun imwettqa permezz ta' programm ibbażat fuq il-prinċipal, i.e. il-bank li joffri dan il-programm huwa meqjus li huwa l-kontra-parti finali, jew permezz ta' programm ibbażat fuq l-aġenzija, i.e. bank li joffri dan il-programm jaġixxi biss bħala aġent, u l-kontra-parti finali hija l-istituzzjoni li magħha t-tranżazzjoni tal-kambjala mislufa tkun effettivament imwettqa.

*L-ispiża medja* għandha tfisser il-metodu kontinwu jew tal-medja peżata, li biha l-ispiża ta' kull xiri tkun miżjuda mal-valur eżistenti fil-kotba biex tipproduċi spiża ġdida tal-medja peżata.

*Ir-resqien ta' flus kontanti/pagament* għandha tfisser ir-resqien tal-kontijiet li permezz tiegħu l-avvenimenti tal-kontijiet ikunu rrekordjati fid-data tal-pagament.

*Il-prezz liberu* għandu jfisser il-prezz ta' transazzjoni eskluż xi imgħax imnaqqas/imkattar, imma inklużi l-ispejjes tat-tranżazzjoni li jifformaw parti mill-prezz.

*Skont* għandu jfisser id-differenza bejn il-valur ugwali ta' kambjala u l-prezz tagħha meta prezz bħal dak ikun anqas milli ugwali.

*Kambjala skontata* għandha tfisser assi li ma jkunux iħallsu l-kupun ta' l-imgħax, u li r-riżultat minnha ikun akkwistat mill-apprezzament tal-kapital minħabba li l-assi tkun maħruġa jew mibjugħa bi skont.

*Strumenti ta' investimenti* għandha tfisser il-kambjali li jagħtu *dividend* (ishma ta' korporazzjonijiet, kambjali li jixhdu investiment f'fond ta' investimenti).

*Assi finanazjari* għandhom ifissru kwalunkwe assi li huma: (i) flus kontanti; jew (ii) dritt kontrattwali biex jirċievi l-flus kontanti jew strument ieħor finanzjarju minn impriża oħra; jew (iii) dritt kontrattwali għal kambju ta' strumenti finanzjarji ma impriża oħra permezz ta' kondizzjonijiet li huma potenzjalment favorevoli; jew (iv) strument ta' investiment ta' impriża oħra.

*Responsabbiltà finanzjarja* għandha tfisser kwalunkwe responsabbiltà li hija obbligazzjoni legali li tforni flus kontanti jew strument finanzjaru ieħor lejn impriża oħra jew li jkun hemm skambju ta' strumenti finanzjarji ma' impriża oħra permezz tal-kondizzjonijiet li huma potenzjalment mhux favorevoli.

*Il-pussess ta' munita estera* għandu jfisser il-pożizzjoni netta f'dik il-munita rispettiva. Għall-iskop ta' din id-definizzjoni, drittijiet speċjali ta' ġbid (SDR/DSĠ) għandhom ikunu meqjusa bħala munita separata.

*Kambju esteru bil-quddiem* għandha tfisser kuntratt li fih ix-xiri jew il-bejgħ komplet ta' ċertu ammont denominat f'munita estera kontra munita oħra, normallment il-munita domestika, huwa miftiehem f'jum partikolari u l-ammont huwa biex ikun fornut f'data futura speċifikata, aktar minn jumejn ta' xogħol wara d-data tal-kuntratt, fi prezz miftiehem. Din ir-rata tal-kambju bil-quddiem tikkonsisti fir-rata prevalenti tal-mument flimkien ma'/imnaqqas minn laġġju/skont miftiehem.

*Tpartit ta' kambju esteru* għandu jfisser ix-xiri/bejgħ spontanju tal-mument ta' munita waħda kontra oħra (terminu qasir) u bejgħ/xiri ta' l-istess ammont ta' din il-munita kontra l-munita l-oħra (terminu fit-tul).

*Ftehim ta' rata bil-quddiem* għandu jfisser kuntratt li fih żewġ partijiet jifthiemu li r-rata ta' l-imgħax li għandha tkun imħallsa fuq depożitu misthajjel ta' maturità speċifika f'data speċifika futura. Fid-data tal-pagament, kumpens għandu jitħallas minn parti waħda lill-oħra, jiddependi mid-differenza bejn ir-rata ta' l-imgħax ikkontrattjata u r-rata tas-suq fil-jum tal-pagament.

*Transazzjonijiet fil-quddiem ta' kambjali* għandha tfisser kuntratti minn fuq il-bank li fihom ix-xiri jew il-bejgħ ta' strument ta' rata ta' l-imgħax (normalment titolu jew nota) ikun miftiehem fid-data tal-kuntratt li għandu jkun fornut f'data futura, fi prezz partikolari.

*Rata ta' l-imgħax futura għandha* tfisser il-kuntratt tal-kambju nnegozjat bil-quddiem. F'kuntratt bħal dan, ix-xiri jew il-bejgħ ta' strument ta' rata ta' imgħax, eż. titolu, huwa miftiehem fid-data tal-kuntratt li għandu jkun fornut f'data futura, fi prezz partikolari.

*Normalment l-ebda forniment ma* jseħħ; il-kuntratt normalment huwa magħluq qabel il-maturità miftiehma.

*L-akkwist ta' rata interna* għandu jfisser ir-rata li fiha l-valur tal-kont ta' kambjala ikun ugwali għall-valur preżenti ta' mixi ta' flus kontanti fil-futur.

